**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 17 ta' Frar, 2025

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**-vs-**

**Norbert Ellul, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 044179M**

*Kumpilazzjoni Nru.: 28/2025*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Norbert Ellul** u ċioe talli:

> **Nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn is-sitta ta' filgħodu (06:00) u s-sebgħa ta' filgħodu (07:00), ġewwa T8 Limited, St Michael's Court, Block A, Shop 7, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer;**

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat, bil-**valur**, liema ammont jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-**persuna** u bil-**ħin** u dan għad-detriment ta' **Mostafa AA Bouamid u/jew Ryan Farrugia** u/jew persuna/i naturali jew ġuridiċi oħra[1];

[1] Artikolu 261(ċ)(d)(f), 267, 268(d),270, 279(a), 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' **Mostafa AA Bouamid u Ryan Farrugia** u/jew persuna/i naturali jew ġuridiċi oħra billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex kemm-il darba ssib ħtija fl-imputat għar-reati relattivi, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittmi.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar is-17 ta' Frar, 2025, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**PIENA**

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena l-Qorti qieset in-natura tal-imputazzjonijiet li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, tal-fedina penali netta tiegħu w taċ-ċirkostanzi kollha l-oħra tal-każ.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b), 261(ċ)(d)(f), 267, 268(d), 270, 279(a), 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu w tikkundannah għal **tmintax il-xahar (18) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi ghal sentejn (2) millum.

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed jinħareġ **Ordni ta' Trażżin** fil-konfront tal-imputat favur Mostafa AA Bouamid u Ryan Farrugia għal zmien tlett (3) snin millum**.**

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**